MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 2429/2000/1

**Marben Costa**

**vs**

**Ruth Costa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Lulju 1991 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal;
Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u/jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens ta’ l-attur ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar kwalitajiet tal-konvenuta illi gew mohbija lill-attur li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja konjugali bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tas-26 ta' Lulju 1991 huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat il-verbali ta’ l-14 ta’ Gunju 2001, tal-25 ta’ Settembru 2001; tad-9 t’Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t’April 2003.

Rat li ghalkemm il-konvenuta kienet debitament notifikata bit-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fl-24 t’Ottubru 2001 (*a tergo* ta’ fol.14) baqghet ma pprezentat l-ebda nota t’eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci;

Rat l-avviz tat-12 t’ April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat in-nota ta’ l-attur ta’ l-1 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess, ta’ Joseph Costa u ta’ Stella Costa;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II) KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

## I) **Provi Prodotti.**

Illi l-**attur** fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi jiena sirt naf lil Ruth Camilleri fix-xahar ta' Lulju tas-sena 1988. Dak iz-zmien konna niltaqghu bhala hbieb darba kultant. Fis-sens li jiena kont inkun ma' grupp guvintur u hi ma grupp iehor. Ltqajna fis-sajf u Ruth kienet toqghod ma zijitha l-Ghadira, konna niltaqghu flimkien mal-hbieb matul il-gurnata. Dak iz-zmien, Ruth kellha tlettax-il sena u jiena kelli dsatax-il sena. Hi kienet ghadha l-iskola, fejn kienet tattendi l-Junior Lyceum tal-Blata l-Bajda, filwaqt li jiena kont nahdem l-SGS. Bqajna niltaqghu bhala hbieb sa Novembru ta' l-istess sena, meta bdejna nohorgu flimkien bhala namrati. Sa dak iz-zmien sirt naf li l-genituri taghha kienu sseparati u hi kienet tghix ma' ommha, ohtha u n-nanniet go flat tal-Gvern. Matul il-perjodu ta' dak is-Sajf kienet toqghod maz-zija taghha, May Busuttil, fil-flat ta' villegatura li kellhom gewwa l-Ghadira. Bqajna nohorgu flimkien bhala namrati sal-bidu tas-sajf 1989, jigifieri sakemm Ruth iddecidiet li twaqqaf kompletament ir-relazzjoni li kellna bejnietna minhabba l-eta' tenera taghha. Nghid li matul il-perjodu ta' bejn Novembru 1988 u Gunju 1989 kien hemm atti sesswali bejnietna. Nghid ukoll li jiena ma kontx l-ewwel boyfriend taghha u hi ma kellhiex l-ewwel esperjenza sesswali mieghi. Minn Gunju tas-sena 1989 sa Settembru ta' l-istess sena jigifieri tan-1989, Ruth marret toqghod maz-zija taghha, Doreen Lauder, go guest house gewwa Bugibba ghall-vaganzi tas-sajf. F'dak il-perijodu, jiena kont nitla Bugibba darba fil-gimgha biex niltaqa' ma Ruth bl-iskop li nerga` nibda r-relazzjoni mill-gdid maghha. Bdejt naghmel hekk sa Settembru tas-sena 1989, meta Ruth qaltli biex ma nibqax nigri warajha ghax ma kienx hemm interess minn naha taghha. Madanakollu fil-ftit drabi li ltqajna kellna x' naqsmu flimkien sesswalment. Minn wara Settembru kien waqaf kull kuntatt bejnietna.*

*Illi gurnata fost l-ohrajn F Dicembru tas-sena 1989, jiena wasalt id-dar mix-xoghol u sibt kaos shih fid-dar tal-genituri tieghi. Fil-fatt id-dar kien hemm il-genituri tieghi flimkien ma' omm, iz-zija u oht Ruth u dak in-nhar gejt*

*mgharraf li Ruth kienet tqila. Dak il-hin, jiena kont sorpriz ghall-ahhar ghar-raguni li jiena kont ili ma niltaqa ma Ruth ghall kwazi erba' xhur. Dak il-hin omm Ruth spjegatli li Ruth kellha erba' xhur tqala u li t-tarbija kellha titwieled f'Mejju tas-sena 1990. Ruth kellha biss hmistax il-sena. Minn dakinhar stess bdiet il-pressjoni qawwija fuqna biex nizzewwgu halli l-familjari taghna ma jigux f'ilsien in-nies. L-aktar li kien hemm pressjoni hemm minn naha ta' ommha forsi anki ghaliex huma kienu jghixu man-nanniet ta' Ruth minhabba li l-genituri taghha kienu separati, l-flat kien zghir, fis-sens li Ruth kienet torqod go sodda li tinfetah u tinghalaq fis-salott. Ukoll iz-zijiet taghha, li kienu jkunu d-dar taghha kienu ukoll qed jaghmlu pressjoni fuq ommha sabiex Ruth tizzewweg biex ma tigix fl-ilsien in-nies.*

*Illi ahna qatt ma tkellimna fuq zwieg bejnietna u kieku ma kienx ghall-fatt li nqabdet tqila ahna ma konniex se nizzewgu. Dak iz-zmien jien qatt ma kelli hsieb ta' zwieg ghax konna zghar wisq u dan specjalment minhabba l-eta' zghira taghha. Fil-fatt meta nqabdet tqila hi telqet mill-iskola.*

*Illi ghalkemm, jiena kont naf li hi ma xtaqetx tohrog mieghi jiena kont nimmagina li minhabba din it-tqala kienet ser issir close mieghi. Lili kienet toghgobni hafna bhala tfajla kemm bhala karattru kif ukoll ghax kienet tfajla sabiha. Minn naha tieghi kienet love at first sight.*
*Illi minn naha taghha Ruth, ma riditx tizzewigni ghar-raguni li hi ma kenitx thobbni. Pero` minhabba l-eta` taghha kif ukoll minhabba s-sitwazzjoni li kienet fiha ghalqet halqha u halliet lil tal-familja taghha jmexxuha.*

*Illi sussegwentement, jiena flimkien ma' Ruth u l-familjari taghna morna nkellmu lill-Kapillan tal-parocca taghna ghal parir. Hemmhekk gejna mgharfin li Ruth ma setghetx tizzewweg qabel taghlaq sittax-il sena. Il-Kapillan qalilna ukoll, li jista' jkun zwieg mghaggel u skond il-parir tieghu, ahna ma kellniex nizzewwgu immedjatament. Gara izda li repetutament kienet issir pressjoni qawwija minn naha ta' omm u l-familjari ta' Ruth sabiex fl-inqas zmien possibli ahna nizzewwgu. F'Mejju tas-sena 1990, twieled it-tifel,*

*Terrence. Wara t-twelid tat-tifel, iffissajna data tat-tieg li kellha tkun ghal Dicembru tas-sena 1990, meta, Ruth tkun ghalqet sittax-il sena ezatt. Gara izda li dak iz-zmien kienet mietet in-nanna ta' Ruth u b'hekk kellna nirrimandaw id-data ghal Lulju tas-sena 1991. Ahna izzewwigna fis-26 ta' Lulju tas-sena 1991, fil-Knisja ta' San Frangisk gewwa l-Hamrun, fejn wara sar riceviment gewwa l-lukanda Halland. Ahna qattajna tlett ijiem qamar l-ghasel gewwa l-istess lukanda. Minn hemmhekk ahna morna nabitaw ghall-tlett snin fir-residenza ta' omm Ruth. Disa` xhur wara z-zwieg taghna, twieled it-tieni tarbija taghna, Gian Luca.*

*Illi sa dak iz-zmien kollox kien deher li miexi harir, izda minn meta morna nabitaw ghal rasna, gewwa 43, Triq San Gwann, Hamrun, bdew jinqalghu il-problemi. Dik id-dar hija propjeta` tal-genituri tieghi u bil-kunsens taghhom, ahna stajna noqghodu fih halli jkollna l-privatezza taghna. Aktar ma beda jghaddi z-zmien il-problemi flok naqsu aktar bdew jikbru u jaggravaw, tant li kienet anki theddidni li titlaq. Bdiet tghidli hekk qisu wara sena li morna nghixu ghal rasna. Hi bdiet tohrog wahedha u sahansitta f'okkazzjoni minnhom halliet lit-tfal wehedhom peress li jien kont ghadni x-xoghol. Hi kienet tohrog regolarment wahedha u ddum sas-siegha/saghtejn ta' filghodu. Ghamlet xi zmien tahdem gewwa l-lukanda Suncrest u f'dak iz-zmien kont nircievi telefonati bil-lejl fejn kienu jghiduli li huma l-boyfriends ta' Ruth, kliem iehor ta' din ix-xorta u wara xi zmien anki jien bdejt nohrog wahdi ma' shabi.*

*Illi Ruth repetutament kienet tirrepeti li qatt ma gawdiet iz-zoghozija taghha, li lili qatt ma habbitni u li z-zwieg taghna kien farsa. Meta kienet tohrog wehedha, kienet tmur go postijiet tad-divertiment b'ilbies indecenti u kienet iddum barra sa kmieni filghodu. Ruth qabdet tahdem biex tkun tista' tixtri karozza u mhux biex tghin lill-familja. Ir-relazzjoni taghna dejjem kompliet sejra ghall-aghar, tant li r-relazzjonijiet sesswali taghna prattikament gew fix-xejn u anki spiccajna norqdu f'sodod separati. Mohha kien biss fit-tgawdija u fid-divertiment peress li interess fija qatt ma kellha. Ruth kienet tonfoq parti kbira mill-flus tal-familja fi*

*hwejjeg u f'make up. Kienet tqatta` hafna hin ghand beauticians u keep fit courses u sahansitra ppartecipat f' konkors tas-sbuhija. Jiena kemm il-darba pprovajt nispjega lil Ruth, li dawn l-affarijiet qatt ma ghogbuni, imma din minn dejjem injoratni ghar-raguni li l-interess kien fiha u fit-tfal biss. Ta' sikwit jiena kont nirritorna wara gurnata xoghol u ma kontx insib x'niekol u kont nispicca immur niekol ghand il-genituri tieghi jew minn xi take away. Aktar ma beda jghaddi zmien it-relazzjoni taghna kompliet tisfaxxa.*

*Illi kien ghal habta ta' April tas-sena 1999, fejn Ruth kienet tahdem mal-Golden Harvest, li jiena skoptejt li Ruth kellha relazzjoni intima ma' persuna ohra li ltaqghet mieghu ix-xoghol. Kienet gurnata bhall-ohrajn meta gejt lura mix-xoghol, u flimkien ma Ruth u mat-tfal, morna ghand oht Ruth (Sylvana), li hija mizzewwga u toqghod gewwa l-Hamrun. Ghal habta tad-disgha ta' filghaxija meta jiena u r-ragel t'ohta konna qeghdin nghidu kelma bejnietna, Ruth resqet fuqi u minn taht l-ilsien qaltli li kellha bzonn tohrog. Ghalkemm jiena kont drajt l-attitudni taghha li tohrog wehedha, kont sorpriz ghaliex rajtha kompletament differenti mis-soltu, peress li kienet tidher bezaghana. Jiena gbittha minn idejha, u dhalna go kamna ohra biex inkunu nistghu nitkellmu ahjar. Ruth qaltli li sejra tiltaqa` ma habiba taghha biex flimkien immorru jiehdu kafe u jghidu kelma. Kien kollu ghalxejn li jiena pprovajt nikkonvinciha biex ma tmurx, ghax hi injoratni u qabdet it-triq u telqet 'il barra bla kliem u bla sliem. Hemmhekk hi halliet lili flimkien mat-tfal wehedna. Jiena, ohtha u r-ragel t'ohta bqajna nharsu lejn xulxin bhal boloh ghax ma stajniex nifhmu l-gest taghha. Ftit tal-hin wara, jiena rritornajt lura d-dar flimkien mat-tfal. Immedjamatment jiena raqqadt lit-tfal, izda jiena qadt nistenna lilha biex tirritorna. Irritornat lura ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu. Ghalkemm sforzajtha sabiex inkun naf x' gara u fejn kienet dan il-hin kollu, Ruth baqghet thares bi tbissima fuq fommha u ma reditx ittini spjegazzjoni. Hadd minnha ma raqad peress li t-tnejn li ahna konnha nibdew ix-xoghol taghna kmieni fil-ghodu. Dakinhar stess filghaxija konna mistednin riceviment ta' tieg u waqt li konna dan ir-riceviment, Ruth ma lisnet ebda kelma tant li l-hbieb*

*taghna bdew jistaqsuni jekk gralha xi haga. Meta rritornajt id-dar, jiena ergajt ipprovajt nistaqsieha x'gara il-gurnata ta' qabel, izda bqajt ma hadtx risposta. Is-Sibt filghodu Ruth qamet biex tmur ix-xoghol regolari. Jiena flimkien mat-tfal qomna ftit wara, fejn qbadt naghmel it-tindif tad-dar. Ghall-habta tas-siegha, Ruth irritornat lura mix-xoghol, tkellmet naqra mat-tfal, filwaqt li lili ma ikkalkulatniex. Immedjamatment hija bidlet il-hwejjeg tax-xoghol taghha u infurmatni li kellha bzonn tiltaqa` ma' habiba taghha sabiex imorru jaraw xi hwejjeg. Ruth giet lura ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija. L-ghada (il-Hadd) ghall-habta tas-sebgha ta' wara nofsinhar, Ruth qabdet u telqet 'il barra u rritornat lura ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, sadanittant, jiena kont qed nissusspetta li gara xi haga hazina. Mar-ritorn taghha Ruth dahlet tidhaq u bdiet ticcajta mat-tfal. Jiena kont fuq fejn minn hemm sejjahtilha biex inkunu nistghu nitkellmu wahedna. Jiena tlabtha biex ittini spjegazzjoni x'kien qieghed jigri, izda ghal hin twil Ruth baqghet thares lejha bid-dahka u qaltli li jiena qieghed niffissa. Meta ghidtilha li dan il-hrug kollu u minghajr spjegazzjoni m'huwiex normali, Ruth kiesah u biered u bid-dahka fuq fommha qaltli li ghanda relazzjoni ma' haddiehor. Ghal dan il-kliem, jiena nhsadt ghax ma stajtx nemmen li kont qed nisma`. Ruth isserjat, qabdet it-telephone u bdiet iccempel. Jiena nzilt nigri t-tarag biex naqbad it-telephone t'isfel, u hemmhekk smajt lehen ta' ragel fuq in-naha l-ohra tal-linja. Ruth bdiet tghajjat u qalet "qed temmen li issa ghandi ragel iehor". Dan l-individwu smajtu jghid li dawn m'humiex affarijiet tat-telephone. Appena qatghet it-telephone, Ruth qabdet it-tfal u minghajr ma kont naf fejn sejra, telqet 'il barra bit-tfal b' kollox. Wara li ghadda certu hin u hi ma rritornatx lura d-dar jiena flimkien m'omm u kugin ta' Ruth, mort naghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ghat-tfittxija taghha u tat-tfal. Ghaddew tlett ijiem sakemm sirt naf fejn jinstabu u skoprejt li f' dawn it-tlett ijiem hija qaghdet fir-residenza ta' omm dan l-individwu mat-tfal tieghi. Xi tlett gimghat wara regghet lura d-dar imma hi kienet il-hin kollu tibki ghax ma setghetx toqghod minghajr dan l-individwu. Hi fil-fatt regghet telqet u qatt ma regghet lura. Minn dak iz-zmien hi weldet tarbija mir-relazzjoni li kellha u hi tqila b'tarbija ohra.*

*Illi ghalhekk jiena qed napplika sabiex iz-zwieg taghna jigi null.”*

## II) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attur qed isostni li z-zwieg tieghu huwa null peress li (a) l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat u ma kienx hieles peress illi ttiehed bi pressjoni socjali, familjari u biza`; (b) il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u b’anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; (c) il-kunsens ta’ l-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar kwalitajiet tal-konvenut illi gew mohbija lill-attrici li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja konjugali bejn il-partijiet.

Illi dawn it-tlett premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (a), (c) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jghid:

*19. (1) “B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null:*

(a) *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza`”*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta’ Marzu, 2000) diga` kellha okkazzjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza`.

Illi kif inghad fil-kaz **“Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba”** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta’ Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (FD) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilita` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza' tista' tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza' lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru,1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza' fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira m'ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond* xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null;

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – 22 ta' Novembru 1982), u **"Silvana Sultana vs Dr Tanya Sciberras Camilleri noe et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002 - Cit Nru 547/00).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi fl-ahharnett l-attur isostni illi l-kunsens tal-konvenuta kien null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza “**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**” (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta’ ***Viladrich*:-**

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* p. 687).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-unika raguni li l-istess partijiet izzewgu kienet biss ghaliex l-konvenuta nqabdet tqila u ghal xejn izjed u dwar dan anke kien hemm xi forma ta' pressjoni mill-ġenituri tal-istess partijiet partikolarment minn omm il-konvenuta, li jidher li pero` l-attur ftit irresista, anke ghaliex jidher li kien infatwat bil-konvenuta. Huwa stqarr li kienet l-ewwel tfajla li habb, u dan ta' eta' tenera hafna, tant li kien jmur warajaha anke meta hija kienet sostniet li riedet u fil-fatt kienet qatghet kull relazzjoni li hija kellha mieghu. Fil-fatt l-unika raguni li l-partijiet kienu regghu flimkien kien proprju minhabba din it-tqala u b'hekk wara ftit taz-zmien sar it-tieg, ghalkemm ma kellhomx lanqas fejn joqghodu u marru jghixu ma' omm il-konvenuta.

Illi jigi rilevat li meta zzewget l-konvenuta kellha biss circa sittax (16) il-sena, u hija kienet harget tqila meta kienet ghadha l-iskola, u ghalhekk wiehed facilment jifhem l-inkwiet li hassew iz-zewg partijiet li sabu ruhhom f'dan l-istat, u ghalhekk jidher li l-konvenuta halliet lill-ommha tirranga kollox hija, u accettat li tizzewweg lill-attur *nonostante* l-fatt li hija ma kienetx thobbu tant li kieku mhux ghat-tqala lanqas biss kienet riedet li tohrog izjed mieghu, ahseb u ara li tizzewwgu.

Illi l-attur min-naha tieghu kien konxju ta' dan kollu, izda sforz il-gibda li kellu lejn l-istess konvenuta huwa wkoll accetta li jizzewweg, izda bla ebda dubju f'dan l-aspett, huwa ha vantagg mis-sitwazzjoni u b'hekk jidher li qata` x-xewqa tieghu li jibqa' mal-konvenuta, pero' certament li dak li wassal ghal dan l-arrangament taz-zwieg mertu tal-kawza odjerna, kien biss l-istess tqala qabel iz-zwieg, u kieku ma kienx ghall-istess tqala certament li l-partijiet ma kienux ser jinghaqdu fiz-zwieg. Dan iz-zwieg, fil-fatt sar anke kontra l-parir tal-Kapillan, li ra u induna r-raguni vera ghal tali zwieg, li kien lill hinn minn dak li huwa essenzjali bhala kunsens liberalment moghti ghal tali unjoni.

Illi b'mod partikolari dan kollu huwa rifless mill-komportament konstanti tal-konvenuta li wara li l-partijiet marru jghixu ghal rashom ma gabet l-ebda forma ta' rispett lill-attur u riedet u bdiet fil-fatt tghix hajja kwazi ghal

rasha fis-sens li kienet bdiet tghix indipendentement minnu sakemm qabdet relazzjoni ma' terza persuna u abbandunat lill-attur.

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li dan iz-zwieg ghandu jigi annullat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghaliex abbazi tal-provi prodotti jidher bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess partijet dahhlu ghal dan iz-zwieg biss u ghar-raguni li l-attrici nqabdet tqila qabel iz-zwieg, u sforz is-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha dakinhar, bla ebda hsieb ta' xejn, hlief dak li l-minuri jigi legittimat biz-zwieg, huma ghamlu dan il-pass, proprju f'mument meta lanqas kellhom id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghmlu dan il-pass, u l-mod kif dan sar, bla ebda preparamenti ta' xejn la ghall-avveniment innifsu u wisq izjed ghal hajja konjugali jikkonfermaw ampjament dan.

Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazzjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikoli 19 (1) (d)** li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenzi **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru: 134/00/RCP); **"Martin Farrugia vs Antionette Farrugia"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Catherine Micallef vs Joseph Muscat"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Louise Vella vs Louis Vella"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2002); u **"Isabelle Muscat vs James Muscat"** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003, u ghal sentenzi ohra fuq citati w abbazi ta' l-istess gurisprudenza w awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat wkoll *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

Illi dwar s-subartikoli l-ohra msemmija fic-citazzjoni attrici ma jidhirx li din il-Qorti ghandha tapprofondixxi, biss jinghad li mill-provi prodotti ma jirrizultax li tali talba ghall-annullament taz-zwieg giet ippruvata wkoll abbazi tal-istess **subartikoli (a) u (c) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap 255,** pero` ovvjament in vista ta' dak fuq deciz, din hija biss *ormai* kwistjoni akkademika.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tas-26 ta' Lulju 1991 huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------